**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 17 ta' Novembru 2022**

**Cit. Rik. Nru : 273/2019 JPG**

**Kawza nru: 20**

**GC**

**Vs**

**NM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GC datat 12 ta' Dicembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni extramatrimonjali bejniethom, liema relazzjoni giet terminata zmien ilu, u illi minnha twieldet il-minuri AM fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015).*

2. *Illi l-intimat huwa rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri AM u dana skond ic-certifikat tat-Twelid (Dok A.);*

3. *Illi l-intimat missier mhux qed ihallas l-ebda retta alimentarja ghall-bzonnijiet tal-minuri u wisq anqas ta' kura medika u edukazzjoni.*

4. *Illi l-intimat NM kemm-il darba ddikjara illi ma jridx bla ebda mod jkun parti mill-hajja tal-minuri msemmija.*

5. *Illi l-kontendenti kienu attendew medjazzjoni li giet maghluqa fid-disgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (29/10/2019).*

6. *Illi l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b'din l-istanza ai termini ta' Artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 397 ta' 2003, permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti li jgib n-numru 2456/2019 (datata 29/10/2019) (kopja annessa u mmarkata Dok B).*

7. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

8. *Illi ghalhekk ir-rikorrenti qeghda tintavola din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirregolarizza l-kwistjoni ta' kura, kustodja, manteniment, residenza u patria potestas tal-minuri AM.*

*Ghaldaqstant, in vista ta' suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri.*
2. *Tordna t-tnehhija tas-setgha tal-missier fuq it-tifla minuri.*
3. *Tiffissa retta alimentarja li ghandha tithallas lill-omm odjerna rikorrenti ghal bzonnijiet tat-tifla, kif ukoll tiffissa somma ghal kura medika u edukazzjoni taghha b'dawk il-modalitajiet, inkluz il-frekwenza u post fejn isir il-hlas, li jigu ffissati min dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' NM datata 22 ta' Jannar 2020, afol 10 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet filfatt qeghdin fis-sitwazzjoni li l-minuri AM qeghda esklussivament f'idejn l-omm.*

2. *Illi l-esponenti mhuwiex f'qaghda finanzjarja u ta' sahha li jista' jahdem b'mod li jhallas manteniment tal-istess minuri u dan minhabba kundizzjoni li ghandu li hija ta' certa gravita. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Dikjarazzjoni tal-fatti.*

1. *Illi t-tifla trabbiet u ghadha f'idejn l-omm u anzi sahansitra ghamlet zmien tinki biha lill-konvenut u dejjem baqghet ghandha b'certu mod possessiv.*

2. *Illi dan dahhal certu suspetti fih ukoll.*

3. *Illi filfatt huwa bniedem li ghaddej bil-kura minhabba l-cancer allavolja ta' eta zghira u qieghed f'diffikultajiet biex jahdem u konsegwentement mhux kwistjoni li huwa qed jipprova jevita r-responsabbiltajiet tieghu.*

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2021, fejn l-avukat difensur tal-intimat iddikjara li kien hemm qbil bejn il-partijiet illi l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri tinghata lill-attrici li tkun awtorizzata tiffirma kwalunkwe dokument bil-firma taghha biss ghal dak li ghandu x'jaqsam ma edukazzjoni, sahha, passaport u vjaggar tal-minuri. Di piu', ghal rigward il-manteniment, l-intimat ddikjara li huwa marid serjament u mhuwiex f'qaghda li jahdem (vide fol 22);

Rat il-verbal tal-24 ta' Ottubru 2022, fejn l-avukat difensur tal-intimat ddikjara illi l-intimat ma ghadux qed jikkomunika mieghu. Ghal rigward il-manteniment, l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li l-partijiet ddekadew mid-dritt tal-manteniment u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 31);

Rat illi l-avukat difensur tal-intimat iddikjara li ma kellhux provi x'jipproduci, kif ukoll ddikjara ghan-nom tal-intimat illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa jaqbel mal-applikazzjoni tal-artikolu 154 tal-Kodici Civili dwar il-patria potestas fuq it-tifla tal-partijiet sabiex din tigi assenjata lill-attrici wahidha u b'dana li l-intimat jigi ezentat mill-obbligu ta' manteniment (vide fol 31);

Rat illi l-attrici ddikjarat seduta stante nhar l-24 ta' Ottubru 2022 illi ma kienitx qed titlob manteniment mill-intimat fir-rigward tat-tifla (vide fol 31);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri AM li twieldet nhar 22 ta' Novembru tas-sena 2015. Illi l-minuri ormai ghandha kwazi X snin. Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima u minn din ir-relazzjoni twieldet l-minuri. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ilha li tterminat, b'dana illi l-minuri dejjem irrisjediet mal-omm.

**Ikkonsidrat:**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'kull decizjoni li tirrigwardja tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox il-principju ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...**"*

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

---

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….**meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

---

[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Fir-rigward manteniment inghat illi l-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kodici Civili.

[10] Enfazi tal-Qorti.

L-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti taghraf illi fil-mori tal-proceduri ma gew prodotti ebda provi minn entrambi l-partijiet u dana stante li l-partijiet sa mill-bidu nett tal-proceduri, gharfu illi din il-kwistjoni setghet tigi rizolta permezz ta' qbil bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti tosserva illi ebda ftehim ma effettivament gie prezentat mill-partijiet fil-mori tal-kawza tant u hekk illi din il-Qorti kif preseduta kienet ordnat lill-partijiet jipproducu l-provi kollha taghhom, fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2022.

Fil-mori tal-kawza pero', l-attrici tramite l-abbli avukat difensur taghha kienet rrinunzjat ghad-dritt ta' manteniment ghan-nom ta' bintha ilghaliex l-intimat kien marid serjament bil-kancer u ma kienx f'qaghda finanzjarja li jipprovdi il-manteniment jew f'qaghda illi jahdem.

Fir-rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri, l-artikolu 154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> ***(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jewminn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:***

***(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;***

***(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;***

***(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inkluživament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni uProċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;***

***(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;***

***(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.***

***(2) Fejn l-interess tat-tifel jirrikjedi hekk, il-Qorti tista' tordna li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollhata' setgħa tal-ġenituri u l-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta'tali jeddijiet u, f'każijiet gravi, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet.***

***(3) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.***

***(4) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet.***

Illi fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri, din il-Qorti rat illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attrici. Il-Qorti taghraf illi fic-cirkostanzi bhal dawk in ezami u in vista tal-marda serja tal-intimat tqis illi ikun fl-ahjar interess tal-minuri A li l-kura u kustodja esklussiva taghha tkun fdata f'idejn l-attrici wahidha. Di piu', in vista tal-fatt illi l-intimat irrinunzja ghad-drittijiet u l-obbligi emanenti mill-patria potesta tieghu fuq il-minuri jew ghas-setghat tieghu bhala genitur fuq il-minuri, din il-Qorti tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi id-drittijiet u d-doveri kollha tas-setgha tal-genitur konsegwentament ghandhom jigu fdati interament f'idejn l-attrici wahidha. Dan ifisser li kwalunkwe decizjoni ordinarja jew straordinarja fuq il-minuri AM ghandha tittiehed mill-attrici wahidha minghajr il-firma, kunsens, jew prezenza tal-intimat u dan ikopri kull decizjoni dwar il-minuri li jirrigwardja is-sahha, l-edukazzjoni, hrug u tigdid tal-passaport u tal-ivvjaggar tal-istess minuri.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Anila Paula Mifsud ghandha tkun vestita <u>esklussivament</u> f'idejn l-attrici omm;**
2. **Di piu', in vista tal-fatt illi l-intimat irrinunzja ghad-drittijiet u l-obbligi emanenti mill-patria potesta tieghu fuq il-minuri jew ghas-setghat tieghu bhala genitur fuq il-minuri, din il-Qorti tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi id-drittijiet u d-doveri kollha tas-setgha tal-genitur konsegwentament ghandhom jigu fdati interament f'idejn l-attrici wahidha. Dan ifisser li kwalunkwe decizjoni ordinarja jew straordinarja fuq il-minuri AM ghandha tittiehed mill-attrici wahidha minghajr il-firma, kunsens, jew prezenza tal-intimat u dan ikopri kull decizjoni dwar il-minuri li jirrigwardja is-sahha, l-edukazzjoni, hrug u tigdid tal-passaport u tal-ivvjaggar tal-istess minuri. Huwa f'dan is-sens li l-Qorti qed tilqa' t-tieni talba attrici.**
3. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba fid-dawl tar-rinunzja tal-attrici ghall-manteniment ghan-nom ta' bintha fid-dawl tal-qaghda mweghra tas-sahha tal-intimat.**

**Moqri.**

**Fic-cirkostanzi partikolari ta' din il-kawza, il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**